Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 40/16

**AVVIŻI**

**2 ta' Ottubru 2016**

*Illum* 2 ta' Ottubru fid-9.30am isir it-tberik tal-annimali u l-għodod tal-biedja fuq iz-zuntier bi tħejjija għall-festa ta' San Franġisk ta' Assisi.

Nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru fis-7pm ssir il-quddiesa ta' Lejlet il-Festa ta' San Franġisk u t-tifkira tad-dħul tiegħu fis-sema.

Nhar it-Tlieta 4 ta' Otturbu, Jum il-Festa ta' San Franġisk, issir quddiesa kkonċelebrata mill-komunità tal-patrijiet fis-7pm. Nistednukom biex taqsmu din il-festa mal-Patrijiet Franġiskani li jagħtu s-servizz tagħhom lill-parroċċa tul is-sena kollha. Dakinhar it-tfal tas-sena tal-Griżma ma jkollhomx laqgħa fiċ-Ċentru imma jieħdu sehem fil-quddiesa.

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru, l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, issir quddiesa fil-5.30pm għat-tfal tal-MUSEUM u l-ġenituri tagħhom. Għal din id-darba biss il-quddiesa sa ssir fiċ-Ċentru u mhux fil-Knisja kif avżat. Wara jkun hemm laqgħa għall-ġenituri li ma setgħux jattendu għall-ewwel laqgħa.

Nhar is-Sibt u l-Ħadd 8 u 9 ta' Ottubru sa jsir Bazaar organizzat mill-Kumitat tal-Festa.

Nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru, kif diġà avżajna fil-fuljett ta' Settembru, sa jsir il-Pellegrinaġġ Parrokkjali tas-sena tal-Ħniena. Nitilqu minn quddiem il-Knisja fid-9am, fid-9.30am jibda l-pellegrinaġġ qasir u fl-10am ikollna quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.
Nistiednu lill-parruċċani kollha biex jiġu. It-trasport ikun bla ħlas iżda huwa meħtieġ *booking* minn qabel.